MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2014

Referenza Kostituzzjonali Numru. 38/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

***kontra***

**Renald Baldacchino**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Fis-27 ta` Frar 2004, Renald Baldacchino kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qormi Istruttorja b`akkuzi relatati mad-droga.

Meta l-kawza kienet qeghda tigi trattata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, precizament fl-udjenza tat-22 ta` Frar 2012, id-difensur tal-akkuzat ghamlet dan il-verbal :-

*Dr Giannella De Marco tixtieq tirrileva illi fil-mori ta` dawn il-proceduri giet prezentata stqarrija ta` Angelo Cassar li ttiehdet fil-25 ta` Frar 2004 minghajr assistenza ta` avukat. Illi giet prezentata wkoll stqarrija guramentata ta` l-istess Angelo Cassar, liema stqarrija guramentata wkoll ttiehdet fi stadju qabel ma` l-istess Cassar kellu l-assistenza ta` parir legali. Illi dawn iz-zewg dokumenti li qeghdin ipprezentati fil-proces-verbal numru 370 gew prezentati bhala prova fil-process kontraRenald Baldacchino, u gew uzati wkoll bhala mezz ta` kontroll ta` l-istess Cassar meta xehed quddiem din l-Onorabbli Qormi. Illi l-istadju meta ttiehdu l-istqarrija kif ukoll ix-xiehda guramentata ta` Cassar li qed jintuzaw bhala prova fil-konfront ta` l-akkuza, l-akkuzat ma kienx rapprezentat mill-avukat tieghu.*

*Illi in vista tal-kuncett ta` fair hearing li jinkludi fih l'equality of arms'. In vista tas-sentenzi tal-Qorti Europea tad-Drittijhiet tal-Bniedem kif ukoll tas-sentenza tal-Prim`Awla Sede Kostituzzjonali preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul, kif ukoll meta jittiehdu stqarrija kemm dawk guramentati kif ukoll dawk li mhumiex minghajr l-assistenza ta` l-avukat dawn ma ghandhomx valur probatorju. Huwa minnu li s`issa dawn is-sentenzi ppronunzjaw ruhhom ghal valur probatorju taghhom fil-konfront ta` min ghamilhom. Pero` d-difiza thoss li*

*b`analogija dan ghandu jigi estiz kemm meta jintuzaw bhala mezz ta` kontroll ghal min ghamilhom (kif intuzaw f`dan il-kaz) kif ukoll meta intuzaw bhala prova fil-konfront ta` min ma kienx lanqas rapprezentat legalment f`dak l-istadju, kif ukoll gara f`dan il-kaz. Illi di piu` f`dan il-kaz meta xehed Angelo Cassar bil-gurament niega l-veracita` tal-kontenut tal-istqarrija tieghu menuda fil-25 ta` Frar 2004.*

*Ghaldaqstant id-difiza ta` Renald Baldacchino titlob referenza kostituzzjonali abbazi ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll tal-Artikoli 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

Il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb bil-miktub ghal din it-talba fis-27 ta` Marzo 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-imputat ghaliex skond il-Kummissarju tal-Pulizija t-talba kienet frivola.

Permezz ta` provvediment moghti fl-udjenza tas-16 ta` Mejju 2012, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali esprimiet ruhha hekk :-

*Hi tal-fehma illi t-talba tal-imputat ghad-dikjarazzjoni li kienu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu meta x-xhud principali ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u lanqas meta gguramenta l-istess quddiem il-Qorti mhux frivoli u vessatorja.*

*Ghaldaqstant il-Qorti qed tirreferi l-kaz lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex din taghti gudizzju dwar il-kaz.*

Hekk kif il-procediment kien assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta, il-Qorti, b`digriet taghha tal-31 ta` Mejju 2012, ordnat in-notifika tar-referenza kostituzzjonali lill-Avukat Generali, tatu sebat ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub u appuntat il-procediment ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta` 12 ta` Gunju 2012 fid-9.00 a.m.

L-Avukat Generali pprezenta risposta fit-8 ta` Gunju 2012 li taqra hekk :-

*1. Illi permezz tar-riferenza kostituzzjonali tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-16 ta` Mejju 2012 din l-Onorabbli Qorti qieghda tigi mitluba biex tiddetermina jekk il-lanjanzi ssollevati mill-imputat Renald Baldacchino fl-udjenza tat-22 ta` Frar 2012 jilledux l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikoli 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) kif allegat mill-imputat ;*

*2. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-imputat Renald Baldacchino huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll frivoli u vessatorji stante li mhux minnu li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*a) Illi dwar il-bazi legali tal-lanjanzi u l-allegazzjonijiet tal-imputat, l-esponenti jirreferu ghall-insenjamenti tal-gurisprudenza nostrana in kwantu huwa ormaj stabbilit li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli fejn l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirrigwardaw il-pre trial stage, ossija, grajjiet li sehhew <u>qabel</u> ma kien inbeda xi procediment kontra l-akkuzat [**Ir-Repubblika ta` Malta vs Matthew-John Migneco**, deciza mill-Qorti Civili Prim`Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-15 ta` Novembru, 2011]*

*b) Illi inoltre, l-imputat jirreferi ghall-artikoli 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-esponenti jirrespingu kull allegazzjoni mressqa mill-imputat li permezz taghha qieghed jallega li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu a tenur tal-artikoli 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti ma jistghux jifhmu kif il-premessi verbalizzati fl-udjenza tat-22 ta` Frar 2012 jorbtu mal-allegat ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ;*

*c) Illi dejjem dwar il-bazi legali ta` din ir-referenza kostituzzjonali, l-esponenti huma tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni "kostituzzjonali" skont il-parametri tar-riferenza maghmulha lilha [ibid] ;*

*d) Illi fil-mertu u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-imputat Renald Baldacchino qed jallega illi l-istqarrija rilaxxata minn Angelo Cassar lill-Pulizija kif ukoll id-deposizzjoni guramentata li ta l-istess Angelo Cassar quddiem il-Magistrat m`ghandhomx valur probatorju u allegatament tilledi d-drittijiet fondamentali tal-imputat, ghax ittiehdu fi zmien meta Angelo Cassar allegatament ma nghatax assistenza legali qabel ma kien interrogat, hija bir-rispett kollu nsostenibbli u dan specjalment in vista tal-fatt illi ma jezisti l-ebda dritt li ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni sabiex ma jigux inkriminati terzi. Kif tghallimna l-gurisprudenza nostrana, 'id-dritt li persuna jkollha access ghall-avukat qabel taghmel stqarrija lill-pulizija, hu ntiz biex joffri protezzjoni lil dik il-persuna li wara jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha, u mhux lil xi haddiehor li jissemma f`dik l-istqarrija [**Mario Borg vs Kummissarju tal-Pulizija vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Civili, Prim`Awla, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali fl-4 ta` Gunju 2012.]*

*e) Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal dan, l-imsemmi Angelo Cassar qatt ma ressaq l-ebda lment ta` allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u 'F`kaz ta` stqarrija li tinghata lill-pulizija, hi **biss** il-persuna li taghmel l-istqarrija li ghandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex access ghall-avukat u tinvoka ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni' [ibid] ;*

*f) Illi l-esponent jichad kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent li 'l-principju ta` "equality of arms" gie vjolat'. Kif tghallimna l-gurisprudenza nostrana :*

*'Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta` komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b`certa kawtela, ... Ma jistax, pero`, jinghad li xhieda ta` komplici hija, a priori, mhux permessibli. Dik hija testimonjanza ta` persuna li, minhabba l-istat taghha ta` komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f`hekk. Il-principju ta` "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta` kull xhud iehor [**Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri** deciza mill-Qorti Civili, Prim`Awla, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali fil-25 ta` Mejju 2012.]*

*g) Illi in linea ma` dawn l-insenjamenti, kull allegazzjoni da parti tal-imputat li x-xhieda ta` Angelo Cassar m`ghandhomx valur probatorju hija bir-rispett kollu insostenibbli in kwantu Angelo Cassar rega` ta x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat inkwirenti, u kontro-ezaminat mid-difiza kif titlob il-Ligi u l-gurisprudenza ;*

*h) Illi ssir ukoll referenza ghad-decizjoni tas-16 ta` Marzu 2000 tal-Qorti Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fil-kaz nru. 51760/99 fl-ismijiet **Carmel Camilleri vs Malta** fejn dik il-Qorti ddecidiet billi sabet l-applikazzjoni ta` Camilleri inammissibbli in kwantu manifestament infondata. Dik il-Qorti ppronuncat is-segwenti principji li lkoll japplikaw fil-kaz odjern :*

*'The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court`s task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair ...'*

*'Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78)'*

*'... the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 or Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings'.*

*'With these principles in mind the Court notes that the applicant was able to call G.G. at his trial before the Court of Magistrates and to cross-examine him as to the reasons which led him to make the incriminating statement. In the Court`s opinion the opportunity allowed to the applicant to undermine the probative value of that statement more than compensated for any alleged disadvantage which may have resulted from the fact that the statement was made in circumstances in which he was unable to challenge its veracity. It cannot be maintained therefore that the rights of the defence were not secured at the trial.'*

*i) Illi in linea mas-suespost, l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 u kemm l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta certament mhumiex lezivi kif donnu jrid jaghti x`jifhem l-imputat ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali permezz tad-digriet taghha tas-16 ta` Mejju 2012*

*billi ma ssibx li l-istqarrija ta` Angelo Cassar tal-25 ta` Frar 2004 u x-xhieda guramentata tal-istess Angelo Cassar imorru kontra l-provvediment tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta) kif qed jallega l-imputat Renald Baldacchino, bl-ispejjez kontra l-istess imputat.*

Kienu prezentati bhala prova ghall-fini ta` dan il-procediment :-

1) Estratt mill-Inkjesta Magisterjali kontenenti l-istqarrija ta` Angelo Cassar mittiehda mill-Pulizija flimkien max-xiehda ta` Angelo Cassar permezz ta` liema giet mahlufa l-istess stqarrija (Dok JG1) u x-xiehda li ta l-istess Angelo Cassar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Dok JG2).

2) Kopja legali tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara vs Renald Baldacchino.*

3) Kopja legali tas-sentenza tal-10 ta` Jannar 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet *I-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Renald Baldacchino.*

Fl-udjenza ta` dan il-procediment tal-11 ta` Ottubru 2012, il-partijiet ghamlu dan il-verbal :-

*Il-partijiet jaqblu, bla pregudizzju ghall-posizzjoni taghhom f`din il-kawza, illi bhala fatt huwa minnu illi meta Angelo Cassar irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-Pulizija huwa ma kienx inghata l-fakolta` illi waqt l-interrogatorju jkun*

*assistit minn avukat. Jaqblu wkoll illi qabel beda l-interrogatorju li wassal ghall-istqarrija l-istess Angelo Cassar ma thalliet jaghmel kuntatt ma` avukat.*

Fl-istess udjenza, l-Avukat Generali wahdu ghamel dan il-verbal :-

… *illi l-istess Angelo Cassar f`ebda stadju ta` l-investigazzjoni tieghu ma talab la li jkollu access ghal avukat u lanqas li jkun assistit minn avukat waqt li qed jaghmel l-istqarrija.*

Fl-istess udjenza xehed is-Supretendent Norbert Ciappara.

Sar skambju ta` noti ta` osservazzjonijiet, segwit minn sottomissjonijiet bil-fomm.

Fit-28 ta` Frar 2013 il-Qorti halliet il-procediment ghal provvediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Il-Qorti taghmel riferenza ghall-estratt mill-Inkjesta Magisterjali, fejn kienet prezentata l-istqarrija ta` Angelo Cassar lill-Pulizija, u x-xiehda bil-guramentat ta` l-istess Angelo Cassar quddiem il-Qorti Istruttorja.**

Skond dan l-estratt, jirrizulta li fil-25 ta` Frar 2004, Angelo Cassar ghamel stqarrija quddiem l-Ispettur Norbert Ciappara u PS 282 P. Grech. Wara li nghata s-solita twissija, Angelo Cassar ghamel stqarrija. Fl-istess gurnata, Angelo Cassar xehed bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u kkonferma l-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija. Fl-14 ta` April 2005, Angelo Cassar xehed bil-gurament fil-proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra Renald Baldacchino. Din id-darba - diversament mill-istqarrija li kien ghamel qabel – i) ma gharafx lill-imputat ; meta qabel kien gharrfu minn xi ritratti ; ii) ma ftakarx li kien qal lill-Ispettur minn fejn kien gab d-droga ; iii) wara li nqratlu l-istqarrija, iddikjara li ma kienx qed jaqbel ma` kull ma kien hemm miktub fl-istqarrija, ghaliex dakinhar kien inbezza`, u ma kienx jaf x`qed jaghmel. Ghalhekk ikkonferma l-istqarrija quddiem l-Magistrat Inkwirenti.

**<u>Is-Supretendent Norbert Ciappara</u>** xehed illi fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija ta` Angelo Cassar ma kien hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi li kienet tobbliga lill-Pulizija sabiex qabel isir l-interrogatorju ta` suspettat ta` reat jinghata d-dritt li jikkomunika ma` avukat. Ic-cirkostanzi li wasslu ghall-istqarrija kienu illi l-pulizija raw lil Angelo Cassar u persuna ohra javvicinaw lil Renald Baldacchino u waqfu lill-istess Angelo Cassar. Il-Pulizija taw lil Cassar id-debita twissija. Jekk wiehed jara l-istqarrija jinduna li ghal ewwel Angelo Cassar kien ftit riluttanti li jwiegeb, izda wara li kien gie konfrontat ma` siehbu, ghamel l-istqarrija, u qal li kien akkwista d-droga eroina dakinhar, u anke ftit jiem qabel. minghand Renald Baldacchino. **<u>Fil-kontroezami</u>**, meta mistoqsi x`kien jigri li kieku Angelo Cassar talbu ghal avukat, ix-xhud wiegeb li dak iz-zmien il-ligi la kienet timponi obbligu u lanqas dritt. Matul l-istqarrija sar konfront ma` terz. Renald Baldacchino ma setax ikun prezenti kemm waqt l-istqarrija u kemm meta Cassar xehed quddiem il-Magistrati Inkwirenti ghaliex dak iz-zmien Baldacchino kien qed ikun investigat.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

Saret riferenza ghall-kwistjoni li wasslet ghat-talba ta` referenza. Kien stabbilit illi Angelo Cassar ma ressaq l-ebda lment dwar xi ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tieghu. Kif jidher mis-sentenza fil-kawza fejn Angelo Cassar kien l-imputat, l-istess Angelo Cassar mhux biss <u>ammetta</u> l-imputazzjonijiet li bihom kien mixli, izda la appell mis-sentenza, u lanqas ressaq xi lanjanza ta` natura kostituzzjonali jew konvenzjonali.

Renald Baldacchino jaghmel enfasi fuq il-fatt illi meta Angelo Cassar xehed fil-kawza kriminali li kienet istitwita kontra l-istess Renald Baldacchino huwa stqarr illi ma kien qed jikkonferma kull ma kien hemm miktub fl-istqarrija ghaliex skond Cassar dak il-mument kien imbezza`. Eppure l-istqarrija ta` Cassar xorta wahda tressqet bhala prova fil-kawza kontra Renald Baldacchino. Skond dan tal-ahhar, dik l-istqarrija bhala prova hija lesiva ghad-dritt tieghu ta` smigh xieraq u dak mistqarr m`ghandux jintuza bhala prova kontra Renald Baldacchino huwa terz.

Skond Baldacchino, ma tezistix sistema ta` kontroll waqt il-*pre-trial stage* jew waqt l-inkjesta ghaliex ma hemmx r-rapprezentanza tad-difiza tas-suspettat, u lanqas d-difiza ta` dawk li jkunu qed jigu mplikati mis-suspettat. Dan jincidi fuq il-principju tal-*equality of arms* ghaliex ghalkemm fid-dehra d-drittijiet fundamentali ma jkunux qeghdin jigu lezi ghaliex huwa previst kontroll eventwali miz-zewg partijiet, fil-fatt tirrizulta differenza kbira bejn xhud li jkun ghamel stqarrija li wara tigi guramentata, u xhud li jigi mharrek biex jixhed liberament u minghajr inflwenza ta` hadd u ta` xejn , u jigi kkontrollat mill-partijiet prezenti.

Saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta` Jannar 2103 fil-kawza '**Mario Borg vs Kummissarju tal-Pulizija**'.

Skond Baldacchino l-ilment tieghu mhuwiex ibbazat biss fuq l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, izda anke fuq l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni ; din tkopri mhux biss grajjiet li jkunu graw wara li jkun beda l-procediment kontra l-akkuzat, izda anke l-istadju investigattiv.

Saret riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-15 ta` Novembru 2011 fil-kawza '**Ir-Repubbblika ta` Malta vs Matthew John Migneco**'.

Saret ukoll riferenza ghas-sentenzi : '**Salduz vs Turkey'** No. 36391/2 deciza mill-Qorti ta` Strasbourg fis-27 t` Novembru 2008 ; '**Il-Pulizija vs Esron Pullicino'** deciza mill-Qorti Kostituzzjoni fit-12 ta` April 2011 ; '**Il-Pulizija vs Alvin Privitera'** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` April 2011 ; '**Il-Pulizija vs Mark Lombardi'** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` Frar 2011 u '**Il-Pulizija vs Esron Pullicino'** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` Frar 2011.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm, saret riferenza ghal kawza rikors nru 66/2011 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri'** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Jannar 2013 u rikors nru 69/2009 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Thyrone Fenech'** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013. F`din l-ahhar kawza l-Qorti qalet li l-prezenza tal-Magistrat, li huwa ufficjal gudizzjarju indipendenti mill-pulizija hija garanzija bizzejjed li l-istqarrija tinghata b`ghazla hielsa u volontarjament, u ma tigix imgieghla jew mhedda b`theddida jew bizgha.

Il-punt krucjali huwa li stante li Angelo Cassar stess ma qajjimx ilment dwar il-fatt li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu meta taha dik l-istqarrija, issa tistax tigi terza persuna u tqajjem dak l-ilment minflok Angelo Cassar.

Kien notat ukoll li l-proceduri kriminali fil-konfront ta` Baldacchino ghadhom pendenti u ghalhekk d-difiza ghad ghandha c-cans li taghmel l-kontro-ezamijiet necessarji. Ghalhekk id-difiza ghadha bic-cans li taghmel kontroll fuq dak li qieghed jinghad minn Angelo Cassar.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

**Renald Baldacchino talab ir-referenza b`ilment ta` ksur tal-Art 39 tal-kostituzzjoni, tal-Art 5(3) tal-Konvenzjoni u tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

**Baldacchino qieghed jinvoka ksur ta` dawn it-tuteli ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq abbazi tal-fatt illi skond Baldacchino, meta ttiehdet l-istqarrija u x-xiehda guramentata ta` Angelo Cassar, billi Cassar ma kienx assistit minn avukat saret lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, bil-konsegwenza li dik l-istqarrija u dik ix-xiehda - ghax lesivi ghal dak id-dritt - ma jistghux jintuzaw bhala prova lanqas fil-**

**konfront tieghu, li huwa terz fi kwalunkwe procediment li fih kien involut Cassar.**

**Fil-kaz tal-lum, min ghamel l-istqarrija u cioe` Angelo Cassar ma ressaq l-ebda ilment ta` ksur ta` smigh xieraq. Fil-kaz tal-lum, il-kwistjoni hija jekk dik l-istqarrija hijiex valida u jekk tistax tintuza bhala prova kontra terz u cioe` Baldacchino.**

Dan t-tip ta` ilment dwar stqarrija ta` xhud diga kien trattat fil-kawza nru 57/2011 fl-ismijiet '**Mario Borg vs Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali'** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Jannar 2013.

F`dik il-kawza, ir-rikorrent kien ilmenta dwar stqarrija li kien ta hu lill-pulizija. Ilmenta wkoll dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proceduri kriminali kontra tieghu wkoll ma kellhomx access ghal assistenza legali u ghalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proceduri fil-konfront tieghu.

Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali qablet mal-Ewwel Qorti illi dan l-ahhar ilment m`ghandux jigi milqugh ghalkemm ghal ragunijiet differenti. Il-Qorti qalet hekk :-

*Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F`każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista` jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa` l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b`abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu*

*tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b`abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b`aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.*

Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dan l-istess ragunament fil-kawza rikors numru 66/2011 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**' deciza fil-25 ta` Jannar 2013. Qalet hekk :-

*Dawn l-aggravji, fil-fehma ta` din il-qorti, huwa riżultat ta` malintiż piuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista` b`xi mod tkun ta` ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f`kull każ jinstab mhux ħati u illi l- equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

*38. Ġà rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, illi l-fatt waħdu illi ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta` avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

*39. Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta` xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta` xi jedd tiegħu.*

*40. Mela l-premessa ta` Spiteri illi l-istqarrijiet ta` Galea u ta` Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta` avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.*

Il-kawzi l-ohra li kienu citati fil-kors ta` dan il-procediment jirreferu ghal meta l-akkuzat ikun ta` stqarrija minghajr assistenza legali – punt li llum gie determinat minn dawn il-qrati b`decizjonijiet wara dawk citati fosthom "**Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Ottubru 2012.

Fil-kaz tal-lum meta Angelo Cassar wasal biex jixhed fil-proceduri kontra Renald Baldacchino huwa xehed li ma kienx qed jaqbel mal-istqarrija li kien ghamel u li dak iz-zmien huwa kien imbezza` u ghalhekk kien ghamel dik l-istqarrija. Izda ghalkemm Cassar xehed hekk, jirrizulta li meta kien hem mil-proceduri kriminali kontra tieghu ammetta l-akkuzi u ma appellax mis-sentenza li nghata. U fl-ebda mument ma jirrizulta li qal li kien *imbezza`* anke meta ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti tghid illi fl-ambitu tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu Renald Baldacchino ghandu ntatti l-jeddijiet kollha fl-ambitu tal-jedd ghal smigh xieraq inkluz l-*equality of arms* ghax mhuwiex prekluz milli jaghmel l-kontro-ezamijiet necessarji lix-xhieda tal-prosekuzzjoni biex b`hekk isostnu bl-ahjar mod id-difiza tieghu.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li qeghda taghmel riferenza ghall-fatti lamentati minn Renald Baldacchino fit-talba ghar-referenza kostituzzjonali waqt il-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Renald Baldacchino* li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, liema lmenti wasslu lil dik il-Qorti sabiex fis-16 ta` Mejju 2012 taghmel l-ordni ta` referenza, qeghda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Renald Baldacchino ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Art 5(3) u tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma` u tiddeciedi skond il-ligi l-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Renald Baldacchino*. Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu kollha minn Renald Baldacchino.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------